**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 770/2018 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Areno (Nazzareno) Deguara**

**Illum**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Areno (Nazzareno) Deguara, bin Francis u Antonia nee Attard, imwieled H'Attard nhar it-18 t'Ottubru 1973, u joqgħod Nru 8, Triq San Girgor, Żejtun, detentur tan-numru tal-karta tal-identità 501673M.

Akkużat talli nhar is-16 ta' Novembru 2018 u/jew fil-jiem/ġimgħat ta' qabel mill-fond Palazzo Olivier fi Triq il-Kbira, Hal Balzan, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta serq ta' għadd t'oġġetti t'antikità, l-iktar inkwatri liema delitt ta' serq huwa aggravat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (232.37 ewro), bil-persuna, bil-lok u bil-hin, liema serq sar għad-detriment tal-koppja Neville u Sabine konjuġi Agius, ta' Rose Mary Borg Olivier De Puget u/jew persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet oħra;

2. Xjentement jew b'negliġenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti ikkaġuna dannu lil jew qered propjetà kulturali sew tali propjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont il-Kap 445, L-Att dwar Patrimonju Kulturali, u kemm jekk is-sid ta' tali propjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li ikkaġunat l-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qiegħda tamministraha b'mod leġittimu.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur qara u ikkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata tas-7 ta' Frar 2019.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioè proċess verbal Dok DZ1, dok JM1 sa dok JM12, dok KV1 u dok KV2, dok AM1, dok MAM1, dok FA1 u dok FA2,

Semgħet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, u cioè lil Deandra Zerafa, Spettur Joseph Mercieca, PC188 Luke Camilleri, Rosemary Borg Olivier de Puget, Neville Agius, Dr Sabine Agius Cabourdin, Anthony Spagnol, Fr Martin Borg, Dr Katya Vassallo, PS 1390 Antoine Muscat, Prof Keith Sciberras, Mark Anthony Mifsud, Dr Alexander Scerri Herrera, PS 180 Fabian Aquilina, Spettur Joseph Mercieca, Spettur Saviour Baldacchino.

Illi l-imputat Areno (Nazzareno) Deguara għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri fil-preżenza tal-avukat tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata 8 ta' Ġunju 2020 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taht dak li hemm maħsub;

a) Fl-artikoli 17, 18, 23 u 31 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fl-artikoli 261(c)(d)(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b), 280(1), 281(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Fl-artikoli 53(1)(a) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Fl-artikoli 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tal-20 t'Ottubru 2021 l-imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha surreferita.

Semgħat il-provi.

**Ikkunsidrat**

**Deandra Zerafa** eżebit proċess verbal bin-numru 1020/2018 rigward serqa ta' pitturi minn ġewwa residenza Palazzo Olivier, Triq il-Kbira Hal Balzan.

**Spettur Joseph Mercieca** fejn esebixxa żewġ CD's bl-interogazzjoni tal-imputat Areno (Nazzareno) Deguara. Hemm ukoll dikjarazzjoni sabiex ikun jista jkun assistit minn avukat. Esebixxa wkoll ritratti ta' kif kienet is-sala qabel ma naqsu l-pitturi u diversi dokumenti oħrajn li ġew immarkati bħala dok JM 6 sa dok JM 12.

**PC 188 Luke Camilleri** fejn qal li hu kien rċieva rapport fis-19 ta' Novembru mill-kwerelanti rigward serq ta' pitturi.

**Rosemary Borg Olivier de Puget** qalet li hija tgħix ġewwa l-Palazz Borg Olivier u f'Novembru kienet għamlet rapport dwar serqa ta' pitturi minn ġewwa il-Palazz. Hija kellha suspett f'ċertu Areno Deguara. Hija kienet taf lill-ommu imma minħabba li kien ġie ċertu Nicholas Yenson  għandha kien ġie miegħu minħabba xi pitturi. Dan kien jigi fil-għaxija u kien joqgħod jistaqsi għal dan l-inkwatru.. Huwa kien jidħol għandha u kien jitlobha tazza misħun u waqt li kienet tmur tagħmel il-misħun, l-imputat kien ikun waħdu u ma kienitx tkun taf fejn kien imur. Kien hemm żmien fejn hija kienet xtrat xi siġġijiet minn għandu u kien jgħidilha li sejjer jitla fuq sabiex imur jara dawn is-siġġijiet. Meta ġiet murija xi ritratti tal-pitturi li ġew nieqsa hija kkonfermat li kienu fir-residenza għajr għal xi tazza li ma kienitx tagħha. Il-pitturi li sabet nieqsa kienu fil-parti ta' fuq tal-Palazz. Hija kkonfermat li l-koppja Agius kienu xtraw il-Palazz bl-affarijiet kollha ġewwa fih u għalhekk l-oġġetti kollha huma propjetà tagħhom. Hija ma gharfietx lill-imputat ġewwa l-awla

**Neville Agius** xehed u qal li huwa kien xtara l-Palazz mingħand Rosemary Borg Olivier de Puget kif ukoll xi żmien wara inxtraw il-kollezzjoni tal-pitturi li kien hemm ġewwa. Fis-19 ta' Novembru 2018 kien mar flimkien mal-mara tiegħu ġewwa l-Palazz minħabba li riedet tieħu l-affarijiet personali tagħha minn ġewwa. Kif telgħu fuq indunaw li kien hemm diversi pitturi nieqsa. Meta kellmu lil Rosemary Borg Olivier de Puget, qaltilhom li kien jiġi persuna għandha ċertu Areno Deguara. Meta huwa ċempillu dan tal-ahhar qal li ma kienx jaf xejn fuq li qiegħed jgħidlu. Is-sinjura Borg Olivier de Puget ma dahhal lil hadd fid-dar u dejjem issakkar il-bieb. Meta ġie muri id-diversi ritratti tal-pitturi huwa kkonferma li kienu tiegħu ħlief għal dak li hemm a fol 55 tal-PV kif ukoll a fol 56, 57 u 58. Huwa kkonferma li dok JM3 sa dok JM5 huma ritratti ta' kif kienet is-sala qabel ma naqsu l-pitturi. Huwa ikkonferma li kien hemm diversi oġġetti oħrajn li naqsu bħal stool antika Franċiża. Huwa qal li l-oġġetti li ġew nieqsa kienu jaqbżu l-mitejn u ħamsin elf ewro. Huwa kien kellem lil ċertu Areno fuq it-telefon u ma kienx jafu qabel.

**Dr Sabine Agius Cabourdin** qalet li hi flimkien mar-raġel tagħha kienu xtraw il-palazz Borg Olivier mingħand is-sinjura Rosemary Borg Olivier de Puget. Kienu wkoll xtraw d-diversi pitturi li kien hemm fl-istess palazz iżda gara li fis-19 ta' Novembru 2018 kienet marret flimkien mar-raġel tagħha sabiex iġġib xi affarijiet. Meta telgħet fuq sabet li kien hemm dawn il-pitturi nieqsa. Meta staqsiet lil Rosemary Borg Olivier de Puget dwar il-pittura hija ma kienitx taf iżda ftit wara qalet li kien jiġi ċertu Areno Deguara u fil-pront ċemplitlu iżda huwa nnega li kien jaf xi haġa. Meta ġiet murija d-diversi ritratti hija konfermat li kien hemm minn dawn il-pitturi li kienu tagħhom iżda oħrajn li ma kienux inkluż tazza. Meta ġiet murija dok JM3 sa JM5 hija konfermat fejn kienu l-pittura fl-istess palazz. Hija konfermat li l-pitturi ġew ritornati għajr għal stool.

**Anthony Spagnol** qal li huwa restawratur tal-pitturi u għaraf lill-imputat Huwa qal li kienu ġew il-pulizija jkellmuh minħabba pittura. Illi kien avvicinah l-imputat dwar frame ta' pittura li huwa għaraf li kienet a fol 57. Din il-pittura bil-frame kienet tal-aħħar ċena fejn huwa għaraf li kienet l-istess waħda li kien ġablu l-imputat.

**Fr Martin Borg** qal li huwa kien jaf lill-imputat għal diversi snin minħabba li jħobb l-affarijiet tal-arti. F'Settembru kien ġie jkellmu l-imputat fejn qallu li għandu xi inkwatru ta' Maryrose Borg Olivier fejn xtaq li jiġi rtukkat u inghata ftit vernic. Minn naħa tax-xhud kien qallu li ma jistax iżda qatt ma kien rahom dawn l-inkwatri. Huwa kkonferma li kien jaf min hi Maryrose Borg Olivier de Puget minħabba li kienet tiġi ġewwa l-kunvent tagħhom għax kienet dilettanta tal-arti.

**Dr Katya Vassallo** esebiet żewġ stqarrijiet u żewġ CD's li ġew immarkati bħala KV1 u KV2.

**PS1390 Antoine Muscat** ikkonferma li fis-19 ta' Novembru 2018 kienu gew tlett persuni gewwa l-ghassa ta' Hal Balzan rigward serqa ta' pitturi li sehhet minn gewwa l-Palazz Borg Olivier. Skont ir-rapport huma indikaw lil ċertu Areno Deguara bħala l-persuna suspettata. Huwa esebixxa kopja tar-rapport li huwa għamel.

**PC 406 Shaun Micallef** ikkonferma li huwa kien gie nominat bhala scene of crime officer fis-19 ta' Novembru 2018 fejn ha diversi ritratti gewwa l-Palazz Borg Olivier li jinsab gewwa Hal Balzan. Gewwa l-post indikat kien hemm ukoll is-sinjura Maryrose Borg Olivier de Puget. Fil-jum tat-22 ta' Novembru 2018 kien ukoll ha xi ritratti minn gewwa l-ufficcju tal-ispettur Joseph Mercieca ta' pitturi li x'akatarx kienu dawk li gew misruqa. Huwa esebixxa faxxikolu b'ritratti a fol 153.

**Prof Keith Sciberras** ikkonferma r-rapport tieghu li jinsab a fol 13 tal-process fejn huwa wkoll ikkonferma l-valur tal-oggetti li huwa kien ra.

**Mark Anthony Mifsud** fejn huwa kkonferma li jahdem mas-sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali li topera taht il-Cultural Heritage Act. Huwa qal li kienu gew mitlub mill-Pulizija sabiex jaraw diversi pitturi li kienu jinstabu gewwa ir-Recoop fil-Mosta li jaghmlu xoghol ta' restawr. Dan kein fis-sena 2019. Huwa ikkonferma li dawn il-pitturi ghandhom valur u jaqghu taht il-kappa tal-cultural heritage act tal-patrimonju kulturali.

Huwa esebixxa rapport li gie immarkat bhala dok MAM1. Huwa ikkonferma wkoll il-pitturi li huma kienu raw ghal dan l-iskop.

**Dr Alexandere Scerri Herrera** fejn huwa ikkonferma li huwa kien gie mahtur sabiex jisma x-xhieda u jaghti direzzjoni fir-rigward tal-inkjesta fejn huwa ikkonferma r-rapport a fol 61 et seq.

**PS 180 Fabian Aquilina** ikkonferma li kien dahal rapport dwar serqa fis-19 ta' Novembru 2018 u fl-20 ta' Novembru 2018 kien gie mitkellem l-imputat dwar din is-serqa. Wara li kien inghata d-drittijiet tieghu kien irrifjuta li jiehu parir legali. Gara li fil-21 ta' Novembru 2018 kienu ircevew telefonata li l-imputat kien lest jirritorna dawn il-pitturi fejn kienu marru mieghu gewwa garage fiz-Zejtun. Minn gewwa dan il-garage kienu ngabru madwar tmintax-il bicca pittura kif ukoll minn gewwa garage fil-Fgura. Ta' dawn l-oggetti kienu nħarġu żewġ riċevuti. Huwa kien prezenti ghall-istqarrija li kienet saret fl-20 ta' Novembru 2018 u cioe' fl-ewwel stqarrija. Fl-istess riċevuta hemm mniżżel liema pitturi li ġew elevati.

**Spettur Joseph Mercieca** qal li Neville Agius flimkien mal-mara tiegħu kienu għamlu rapport dwar serqa ta' pitturi li sehhet mill-Palazz Borg Olivier de Puget. Dan il-palazz kien inbiegħ lilhom mill-istess Maryrose Borg Olivier de Puget inkluz pitturi li kien hemm ġewwa fih. Meta huwa kellem lil Maryrose Borg Olivier de Puget kien qaltlu li ma kenitx titla fuq minhabba ragunijiet ta' sahha. Hija kkonfermat li kien jigi ghandha ta' spiss certu Areno Deguara minhabba li kienet ordnat xi siggijiet minghandu. Meta giet is-sid tal-Palazz ċertu Sabine Agius Carbora innotat li meta telghet fuq rat li kien hemm diversi pitturi nieqsa u meta tkellmet ma' Maryrose Borg Olivier de Puget qalet li ma kienitx taf x'gara minnhom. Kien dakinhar li ndunaw li kienu insterqu dawn il-pitturi u s-suspett waqa; fuq l-istess imputat. L-imputat kien gie minn jeddu gewwa l-kwartieri generali tal-Pulizija u meta kienu ghamlu tfittxija ma kienx irrizultalhom xejn. Meta gie mitkellem huwa cahad li kien involut f'din is-serqa u qatt ma kien ra dawn il-pitturi fuq il-post. Huwa kien tahom zewg pitturi fejn wara gie kkonfermat li adwn ma kienux jappartjenu kemm ghal koppja Agius u lanqas lil Maryrose Borg Olivier de Puget. Huwa kkonferma li kien sar negozju mas-sinjura Borg Olivier de Puget dwar siggijiet u dik kienet ir-raguni li kien qieghed imur ghandha. Gara li xi jiem wara keinet cemplet persuna li qaltilhom li l-imputat xtaq jirritoirna dawn il-pitturi fejn kien hadhom gewwa garage fil-Fgura u fiz-Zejtun fejn minn hemm elevaw diversi pitturi kif ukoll bicca pittura ohra minghand certu Anthony Spagnol. Illi fit-tieni stqarrija qal li kienet l-istess Maryrose Borg Olivier li tat dawn il-pitturi sabiex isir tindief taghhom meta f'dan il-kaz lanqas biss kienu taghha. Illi skont hu kien ftehim ma' certu Fr Martin Borg rigward dan it-tindief tagħhom. Huwa ikkonferma d-diversi dokumenti li ġew esbeiti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**Spettur Saviour Baldacchino** ikkonferema li huwa beda jinvestiga l-kaz flimkien mal-ispettur Joseph Mercieca fuq il-każ fejn kien ġie irraportat li kienu naqsu diversi pitturi minn ġewwa Palazz f'Hal Balzan. Huwa qal li fl-investigazzjoni tiegħu issemma l-isem ta' Areno Deguara fejn gie mitkellem fuq din is-serqa ta' pitturi. Huwa kien prezenti wat it-tehid tal-ewwel stqarrija li saret mill-Pulizja u ftit wara li saret il-Pulizija kienu rcevew

telefonata li l-imputat kien lest irodd lura dawn il-pitturi. Huwa innega li kien involut f'din is-serqa tal-pitturi.

**Rosemarie Borg Olivier** qalet li qiegħda taħseb li l-imputat huwa Areno Deguara u kienet tafu għax kienet xtrat xi siġġijiet mingħandu fejn kien tellahom fis-sala fejn kien hemm il-pitturi. Hija kompliet tgħid li hi ma kienitx titla għax kienet tafdah u hu kien jitla fuq.

**Nazzareno sive Reno Deguara** qal li kien hemm diversi nies ohrajn li dahlu f'dak il-post fejn esebixxa hames dokumenti in konnessjoni ma' dan li qieghed jghid. Dawn il-persuni kienu jidhlu ghand is-sinjura Borg Olivier de Puget biex jaghmlu xi xoghol fil-Palazz.

**Ikkunsidrat**

Il-Fatti tal-Kaz

Illi l-koppja Agius kienu xtraw il-Palazz Borg Olivier mingħand is-sinjura Borg Olivier de Puget. Illi gara li parti mill-ftehim li kien sar, kellhom jinxtraw diversi pitturi li kienu mwahhla f'sala fl-istess palazz. Illi gara li s-sinjura Borg Olivier de Puget kienet xtrat siġġijiet mingħand Areno Deguara u kien jiġi għandha ta' spiss. Illi kull darba li kien jiġi kien ikellimha dwar is-siġġijiet u minn xi daqqiet kien jgħidilha biex tagħmillu ftit misħun waqt li s-sinjura Borg Olivier de Puget kienet tidhol fil-kċina. Illi gara li fis-19 ta' Novembru 2018, is-sinjuri Agius ġew il-Palazz sabiex jieħdu xi affarijiet u kif telgħu fuq innotaw li l-pitturi li kien hemm fis-sala kienu sparixxew. Meta kellmu lil Maryrose Borg Olivier de Puget qalet li hi ma kienet taf b'xejn dak li kien gara u l-unika persuna li kien jiġi fid-dar kien ċertu Areno Deguara.

Meta kelmuh fuq il-mobile huwa innega li kellu x'jaqsam ma' dawn il-pitturi. Illi fil-fatt huwa kien gie arrestat fuq il-kaz mill-istess Pulizija. Illi matul l-investigazzjoni huwa nnega li kellu x'jaqsam u mit-tfittxija li għamlu l-istess Pulizija ma kienx irriżulta xejn. Gara li fil-jiem ta' wara il-pulizija rċevew telefonata fejn din il-persuna qaltilhom li l-imputat bkien lest jirritorna dawn il-pitturi. Fil-fatt il-Pulizija kienu ltaqaw mal-imputat u hadhom ġewwa żewġ postijiet fejn sabu dawn il-pitturi li kienu jappartejnu kemm il koppja Agius kif ukoll lil Maryrose Borg Olivier de Puget.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-legislatur jonqos milli jiddefinixxi r-reat ta' serq u ghalhekk jehtieg illi ssir referenza ghad-duttrina tal–Qrati taghna skont id-definizzjoni ta' dan ir-reat moghtija minn diversi guristi legali. Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva. F' diversi decizjonijiet, fosthom fil-Programma Speciale

vol IV para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti** (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944, kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Michael Daniel Xuereb**' deciza nhar id-19 ta' Frar, 2014 per Onor. Imhallef M. Mallia, il-Qorti taghmel referenza ghal Carrara fejn huwa:

> **"jghallem illi s-serq huwa "la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l' animo di farne lucro"**

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. *La Contrattazione – It-tehid tal-oggett*
2. *Dolosa – B' qerq*
3. *Di una Cosa – ta' xi oggett partikoli; fil-kaz odjern il-pitturi u oggetti ohra*
4. *Altrui – li jappartjeni ghal haddiehor*
5. *Fatto in vito domino – minghajr il-kunsens tas-sid.*
6. *Con animo di farne lucro (animo lucrandi) – bl-intenzjoni l jaghmel qliegh mill-oggett misruq*

Illi in segwitu ma' dak li ntqal hawn fuq, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad:

> *"…il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il- Manzini –*
>
> *'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'.*
>
> *Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid:*
>
> *"il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro".*
>
> *Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-*

*sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini*

*"presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente".*

*Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misapproprjazzjoni. Fil-fatt, kif già ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid:*

*"avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Illi l-imputat huwa akkużat primarjament talli kkommetta serq aggravat fejn l-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-każ huwa elenkat fl-artikolu 261(c)(d)(e) u (f) tal-Kodiċi Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-valur, bil-persuna, bil-lok u bil-hin. Dan qed jissemma speċifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjoni tas-serq kif miġjuba kontra l-imputat u li tinkorpora dawn l-aggravji.

Illi mill-provi li nġiebu quddiem din il-Qorti ħareġ li l-imputat kien jidħol fir-residenza tas-sinjura Borg Olivier de Puget u dan kien jagħmel dan minħabba li huwa kien biegħ xi siġġijiet u kien jiġi bl-iskuża sabiex itella dawn is-siġġijiet u jarahom. Dan kien l-unika relazzjoni li kien hemm bejn il-vittma u l-imputat. Illi l-koppja Agius ma kienux jafu li l-imputat kien qiegħed jidħol fir-residenza ta' fejn kienet qiegħda toqgħod Maryrose Borg Olivier de Puget. Illi f'dan il-każ , il-palazz fejn kien hemm il-pitturi u l-istess pitturi kienu jappartjenu lil koppja Agius u dawn wara li kienu nxtraw mingħand l-istess s-sinjura Borg Olivier de Puget. Illi wara li l-koppja Agius indunaw li l-pitturi kienu naqsu minn fejn kienu fil-Palazz, is-suspett waqa fuq l-istess imputat u dan minħabba l-fatt li kien jidħol ġewwa r-residenza u kien jitla fuq fejn kienu dawn il-pitturi. Illi għalkemm huwa kien

innega li kien seraq dawn il-pitturi wara li kienet saritlu telefonata mill-istess koppja Agius, il-pulizija ħarġu mandat t'arrest fil-konfront tiegħu sabiex jiġi interrogat fuq il-każ.

Illi għalkemm huwa kien ġie msejjaħ sabiex jghid il-verzjoni tal-fatti tieghu huwa kien irrilaxxa stqarrija nhar l-20 ta' Novembru 2018. Huwa beda jsemmi li kien mar ghandha minhabba xi inkwatri u li kienu ta' xi persuni oħra u dawn kienu sparixxew mid-dar tagħha. Huwa allega wkoll li sinjura Borg Olivier kienet tbati mid-demensja. Huwa kien ġab xi siġġijiet fir-residenza tagħha minħabba li kienet sejra torganizza xi kunċert. Huwa f'din l-istqarrija ghamilha cara li ma kien jaf b'xejn fuq dawn l-inkwatri u kompla jghid li qatt ma rahom imdendlin fir-residenza.

Illi gara però li l-Pulizija kienu rcevew telefonata li l-imputat kien lest jirritorna dawn l-inkwatri u għalhekk fit-8 ta' Diċembru 2018 reġa' rrilaxxa t-tieni stqarrija fuq il-każ. Illi skont hu ma kien għamel xejn ħażin għax kienu qeghdin jemmnu lilha. Huwa kien mar għandha minħabba pittura li kienet ta' ċertu Markiz Nicky Testaferrata. Illi skont hu, il-pitturi kienu ġew mgħotija lilhu sabiex jitteħdu biex jitnaddfu minħabba li kien se jsir kunċert. Huwa beda jiehu dawn il-pitturi tnejn tnejn minn gewwa r-residenza. Huwa innega li kien seraq dawn il-pitturi għax skont hu kienet l-istess sinjura Borg Olivier de Puget li qaltlu biex jehodhom. Illi meta kienu gew il-Pulizija kien tahom pittura li kienet għand ir-restawratur wara li kien partat mejda magħha. Huwa ikkonferma li kienu ghandu l-pitturi iżda meta kienu kelmuh il-pulizija u qal li ma kien jaf xejn minhabba li kien inhasad. Illi baqa jinsisti li dawn kienu gahndu ghar-restawr ghax kienet is-sinjura Borg Olivier li qaltlu biex jehodhom.

Illi minn dak li qal fl-istess stqarrijiet hemm kontradizzjoni shiha minn dak li qal l-ewwel darba u dak li fil-fatt reġa' semma fit-tieni waħda. Illi mingħajr ebda dubju, il-Qorti hija rinfaccata b'verżjonijiet konfliġġenti. Għaldaqstant jeħtieġ li tgharbel u tizen ix-xhieda kollha u tara dak li l-aktar li huwa attendibbli. Il-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif ġie deċiż fil-kawża **Il-Pulizija vs Bugeja**, tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-imputat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le. Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-imputat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi ma' dawn il-fatturi hemm żewġ aspetti li l-Qorti trid tidhol fihom u cioe' l-provi cirkostanzjali kif ukoll t-teorija tar-*recent possession*. Illi dwar il-prova indizzjarja l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza mghotija fl-ismijiet r-**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

*'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz **Pulizija vs James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada** datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Illi ma' dawn il-fatti kif spjegati hawn fuq hemm ukoll it-tieni ċirkostanza tat-teorija tar-recent possession fejn inghad fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Charlotte Curmi) Vs Christopher Scerri'** (Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 2020. (Appell Numru: 183/2017)  gie kkunsidrat li:

*'Jibda biex jinghad illi l-appellant gie misjub hati tas-serqa li sehhet fis-26 ta' Awwissu 2015 minn gewwa ir-residenza 87, Triq is-Sienja Kalkara meta arlogg ta' l- idejn li kien fost ir-res furtiva jinstab fil-pussess tieghu ftit taz-zmien wara li sehhet dina is-serqa u hu jonqos milli jaghti spjegazzjoni dwar dan il-fatt. L-appellant jilmenta illi din il-prova wahedha ma kenitx bizzejjed b'sahhitha sabiex twassal lill- Ewwel Qorti issibu hati ghal dina s-serqa u li fl-aghar ipotesi huwa seta jinstab hati biss ghal kummissjoni tar-reat ta' ricettazzjoni.*

*Fil-fatt fid-deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef l-Onor.Vincent DeGaetano fis-26 t'Awwissu 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Emanuel Seisun U Pius sive Pio Micallef' intqal dan li ġej:*

***'It-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhix xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għall- ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċetazzjoni ta' dawk l-oġġetti.' (Volum LXXXII 1998 Part IV fol 322).***

*Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21- 126.*

***'There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen thereform and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury***

***should so be directed: see R v Loughlin, 35 Cr.App.R 69; R v Seymour 38 Cr App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.***

***In R v Smythe 72 Cr.App.R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed., p.49 (now 8th ed p.35):***

***If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that he explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occured, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence.'***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur David Saliba) v Jesmond Gatt'** (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar, 2001 kif ukoll giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali Fis-6 ta' Settembru, 2001 (Appell numru: 18/2001) gie kkunsidrat li:

*'**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** 1996 pg.1813 para F3.28 jiddisponi is-segwenti:-*

*"In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly."* ***Cross and Tapper*** *fil-ktieb taghhom '**Evidence**' pagna 35 ighati l-istess spjegazzjoni ghat-teorija in esami u cioe huma ighidu s-segwenti:-*

*"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen."*

*Meta l-avukat difensur tratta fuq dan il-punt huwa sostna illi l-oggetti misruqa ma instabux ghand l-imputat immedjatament wara li s-serqa giet rapportata izda l-ghada u ghalhekk kien hemm hafna zmien sabiex l-oggetti in kwistjoni jigu trasmessi minn id ghal id u ma ifissirx li kien l-imputat li kkommetta s-serqa.*

*Dwar il-hin necessarju sabiex il-pussess jissejjah ricenti l- Qorti tghamel referenza ghall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil* ***Cross and Tapper*** *li ighidu is-segwenti.*

*"It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict."*

***Archbold*** *fl-opera fuq citata ighid:-*

*"Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged."*

Din it-teorija tal-pussess riċenti tal-haga misruqa ilha għal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tigi accettata u addottata mill-Qrati taghna. Din it-teorija kif gie ritenut fis-sentenza moghtija nhar il-hdax ta Dicembru 1998 fil-kawza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs Freddie sive Alfred Zahra'**, qieghda hemm sabiex jigi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta serq, li ghandu fl-ewwel lok jigi ppruvat li sar, u s-suspettat li għandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-hin jew zmien wara s-serqa, nexus li sakemm jiġi stabbiliti r-rekwiziti kollha ta din it-teorija jwassal sabiex jorbot lill-pussessur bis-serq tal-oġġett misruq għandu ftit tal-hin wara s-serqa.

Il-fatti tal-każ li għandha quddiema din il-Qorti, u anki marbut mal-fatt li kien l-istess imputat li għadda dawn l-oġġetti u cioè l-pitturi li kienu nsterqu minn ġewwa l-Palazz Borg Olivier. Illi dawn l-istess pitturi ġew konfermati mill-istess sidien li kienu tagħhom u f'ebda hin ma qalu li kienu taw il-permess lill-imputat sabiex jitteħdu għal xi restawr.

Dan ukoll il-fatt juri li lanqas ma setgħet l-istess sinjura Borg Olivier li tat il-kunsens tagħha għal xi haga li ma kienux jappartjenu lilha. Illi lanqas jagħmel sens li wara li huwa u cioè l-imputat ġie rinfaccat li huwa suspettat ta' serq ta' dawn il-pitturi ma hass li għandu jgħid eżatt x'gara mal-ewwel stqarrija. Huwa kien evasiv ghall-ahhar minn dak li qal kif ġraw l-affarijiet u saħansitra ma semma xejn fuq il-pitturi meta dawn diga kienu għandu. Illi dawn l-oġġetti nstabu ftit wara li sehhet is-serqa u meta l-pulizija kienu rċevew telefonata li lest jirritorna dawn il-pitturi fejn fil-fatt nstabu ġewwa propjetà li jagħmel użu minnha hu u cioè l-imputat. Għalhekk il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li seraq dawn il-pitturi u l-verżjoni ta' dak li huwa qal dwar kif ġew għandu dawn il-pitturi.

Illi ladarba din il-Qorti waslet għal konklużjoni li kien l-imputat li seraq dawn il-pitturi, issa trid tara jekk fil-fatt jeżistux l-aggravji li huwa qiegħed jiġi akkużat bihom dwar is-serq. Illi f'dan il-każ, l-aggravju tal-lok jissussisti u dan għar-raġuni li minn fejn ittiehdu kienu ġewwa residenza u għalhekk dan l-aggravju ġie ippruvat. Illi ma' dan l-imputat għandu l-aggravju tal-ħin. Illi mill-provi mressqa ma jirriżultax li huwa kien ħa dawn l-oġġetti fis-satra tal-lejl u għalhekk din il-Qorti ma tistax issibu ħati ta' dan l-aggravju. Illi wkoll għandu żewġ aggravji oħrajn u cioè dik tal-persuna kif ukoll tal-valur. Illi bla dubju ta' xejn, il-Qorti qiegħda tistrieħ fuq il-fatt li dawn il-pittura huma patrimonju kulturali u mill-valutazzjoni li saret jaqbżu ferm dak stabbiliet f'dan l-aggravju u għalhekk hawn issibu ħati ta' dan l-aggravju. Illi ma dan ukoll l-imputat qiegħed iwieġeb ukoll bl-aggravju tal-persuna u dan skont ma hemm taħt l-artikolu 268 (b) fejn jgħid espressament li:

> *meta jsir mill-mistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, fid-dar fejn ikun milqugħ bħala mistieden, jew, taħt l-istess ċirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, bi ħsara tal-mistieden jew ta' xi ħadd tal-familja tiegħu;*

Illi mill-provi mressqa jidher li s-sinjura Borg Olivier de Puget kienet għamlet transazzjoni mal-imputat dwar siġġijiet li hija kienet xtrat. Illi fil-fatt hu kien jiġi hemm bi skuża sabiex jara li s-siġġijiet kienu kollox sew. Illi min-naħa tagħha, għalkemm kienet tgħidlu biex jiġi, dan kien isir wara li huwa kien jagħmel telefonata sabiex imur jara li kollox sew. Fil-fatt kienet dejjem tgħidlu biex jiġi f'ċertu ħin u mhux x'ħin jfettillu. Illi għalhekk f'dan il-każ, l-imputat kienet persuna qeghda tigi mistiedna li tattendi u ghalhekk l-aggravju tal-persuna wkoll jirriżulta.

Għalhekk din il-Qorti hija konvinta mill-ħtija tas-serq kif gia' suespost, u dan ai termini tal-artikoli 261(c)(d)(e) u (f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b), 280(1), 281(c) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

L-akkuża taħt il-Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi l-akkuża maħruġa mill-pulizija hija dik li hemm taħt artikolu 70 tal-Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel referenza għal dawk ir-reati li jsiru fuq il-wirt patrimonjali ta' pajjiżna. Illi dan l-artikolu jispeċifika hekk

> *(1) Kull min:*

*(a) xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' osservanza ta' regolamenti jikkaġuna dannu lil jew jeqred proprjetà kulturali sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont dan l-Att, u kemm jekk is-sid ta' tali proprjetà ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkaġunat il-ħsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qegħda tamministraha b'mod leġittimu;*

Illi però minn dak li ħareġ minn nota tar-rinviju għal ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, saret referenza biss għal dak li hemm fl-artikolu 53 (1)(a) tal-kap 445 li jgħid:

*1. Meta jiġi stabbilit l-inventarju nazzjonali tal-proprjetà kulturali, is-Sovrintendenza għandha tikkunsidra proprjetà kulturali u patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma li jappartjenu:*

*(a) għall-Istat jew l-istituzzjonijiet Statali;*

Illi f'dan il-każ, il-Qorti hija marbuta fuq l-artikoli kif maħruġa mill-Avukat Ġenerali u mill-artikolu li ġie kwotat hawn fuq ma hemm ebda referenza għal każ odjern li b'xi mod jew ieħor jista' jinkwadra r-reat li l-imputat seta ikkommetta f'dan il-każ. Illi għalhekk din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tilliberah minn din l-akkuża.

**Decide**

Għal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 261(c)(d)(e)(f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(b), 280(1), 281(c), 383, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 53(1)(a) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat Nazzareno (Areno) Deguara ħati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, u ma ssibux ħati tat-tieni imputazzjoni u għaldaqstant tilliberah minnha u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jiġri jekk jikkometti reat ieħor fit-terminu stabbilit tas-sentenza sospiża.

Inoltre l-Qorti tordna lill-ħati Nazzareno (Areno) Deguara jħallas l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' esperti, lir-Reġistratur tal-Qorti, l-ammont ta' tlett elef mitejn u tmienja u erbgħin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€3248.53).

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Fabiana Grech**

**Deputat Reġistratur**